# Statut


| Kapitli | Pagni |
|---|---|
| 1. L-isem, l-arma, l-kuluri u l-indirizz tas-Socjeta' | 3 |
| 2. Ghanjiet, dmirijiet u drittijiet tas-Socjeta' | 3-4 |
| 3. Formazzjoni u shubija mas-Socjeta' | 4-7 |
| 4. Laqghat Generali | 7-9 |
| 5. Il-Formazzjoni tal-Kumitat, Sezzjonijiet u Kummissjonijiet fi hdan is-Socjeta' | 9-16 |
| 6. Il-Banda u t-Taghlim tal-Muzika | 16 – 22 |
| 7. Il-Propjeta tas-Socjeta | 22 – 23 |
| 8. Vistu | 23 – 24 |
| 9. Regolamenti ohra | 24 |

'Socjeta'' tirreferi ghas-Socjeta' Filarmonika San Pietru Banda Birebbuga A.D 1990

'Ufficjali' tirreferi ghal President, Tezorier u Segretarju Ezekuttiv fi hdan il-Kumitat Ezekuttiv

'rahal' tirreferi ghar-rahal ta' Birzebbuga (li jinkludi il-Qajjenza)

'festa titulari' tirreferi ghal-festa ta' San Pietru fil-Ktajjen li tigi ccelebrata fl-ewwel Hadd ta' Awwissu.

'membri regolari' huma dawk il-membri illi jhallsu il-menswalita'

## Kapitlu 1

### L-isem, l-arma, l-kuluri u l-indirizz

1. L-isem ufficjali tas-Socjeta' ser ikun *'Socjeta' Filarmonika San Pietru Banda Birzebbuga A.D 1990'.*

2. L-arma tas-Socjeta' ser tikkonsisti; f'arpa tal-muzika, f'nofsha skud b'kuruna fuqu u f'nofs dan l-iskud arma ta' Birzebbuga. Taht l-arpa hemm il-kitba *Socjeta Filarmonika San Pietru Banda Birzebbuga A.D 1990*; u fuq dan l-iskroll zewg iljuni fuq kull naha b'idejhom izommu l-arpa. Kollox riprodott kif jinsab hawn taht:




3. Il-kulur principali tas-Socjeta' ser ikun l-ahdar, b'isfar bhala l-kulur sekond.

4. L-indirizz ufficjali tas-Socjeta' ser ikun ;

'Gawhra ta' San Pietru, 12, Triq Birzebbuga, Birzebbuga. BBG 1503

## Kapitlu 2

## Definizzjoni tas-Socjeta'

5. Is-Soċjeta' Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa hija għaqda volontarja.

## Kapitlu 3

## L-Għanijiet, Drittijiet u Dmirijjiet tas-Soċjeta'.

6. L-ghanijiet, dmirijiet u drittijiet tas-Socjeta' ser ikunu;

i. It-taghlim tal-muzika
ii. Ir-rikreazzjoni tal-membri
iii. Il-partecipazzjoni f'kull festa socjali u religjuza li ssir f'Birzebbuga, primarjament fil-Festa Titulari.
iv. Fejn viabbli, taghti ghajnuna filantropika
v. Il-liberta li takkwista propejta mobbli u immobbli
vi. Is-self ta' flus minn banek kummercjali
vii. Li tuza l-propjeta tas-Socjeta' bhala garanzija ghas-self imsemmi fi klawsola 6(v).

## Kapitlu 4

## Formazzjoni u shubija mas-Socjeta'

7. Is-Socjeta' ser tkun iffurmata mis-segwenti;

- Kumitat Ezekuttiv
- Membri
- Bandisti tas-Socjeta'

- Allievi tas-Socjeta'
- Presidenti Onorarji
- Membri Onorarji
- Surmastrijiet Onorarji
- Surmast Direttur, Assistent Surmast u Ghalliema ta' l-Allievi
- Direttur Spiritwali

8. Kull persuna li taspira li tidhol membru ser timla' applikazzjoni, liema applikazzjoni tingabar minghand il-Kumitat Ezekuttiv u trid tigi approvata f'seduta ta' l-istess Kumitat.

9. Kull aspirant membru ser ihallas menswalita' annwali hekk kif spjegat hawn taht;
   - i. membru regolari: €6.00
   - ii. membru minuri: €3.00
   - iii. pensjonant: €3.00
   - iv. persuna b'bzonnijiet specjali: bla hlas

10. Is-sena tal-menswalita' ser tibda fl-ewwel (1) ta' Ottubru u tispicca fl-ahhar jum ta' Settembru tas-sena sussegwenti.

11. Kull membru b'menswalita' mhallsa (eskluz membru minuri) ser ikollu d-dritt ghall-vot fl-elezzjonijiet li jsiru waqt il-Laqgha Generali kollha.

12. Biex wiehed jissieheb mas-Socjeta' bhala membru regolari irid ikun
   - i. ghalaq tmintax-il (18) sena
   - ii. ta' kondotta tajba
   - iii. ipproponut minn membru regolari, u
   - iv. ssekondat minn membru regolari iehor

13. Biex wiehed jissieheb mas-Socjeta' bhala membru minuri irid ikun
   - i. bejn it-tlettax (13) u s-sbatax (17) -il sena

ii. ta' kondotta tajba
iii. jigi pproponut minn membru regolari, u
iv. ssekondat minn membru regolari iehor

14. Kull membru minuri mhux ser ikollu dritt ghal-vot fl-elezzjonijiet li jsiru waqt il-Laqgha Generali, u lanqas ser ikollu dritt li jinnomina, jipproponi jew jissekonda lil xi membru iehor.

15. Kull min ta jew qieghed jaghti servizz specjali lis-Socjeta' jista' jigi pproponut bhala Membru Onorarju jew President Onorarju tas-Socjeta'; bil-kundizzjoni li dan ma jkollux konnessjonijiet ma' partiti politici.

16. Dan il-proponiment li irid jigi ssekondat, jiġi diskuss fil-laqgħa tal-kumitat eżekuttiv ta' qabel il-Laqgħa Ġenerali liema proponiment jiġi diskuss fil-Laqgħa Ġenerali. Sabiex persuna tiġi approvata Onorarja teħtieġ li ġġib (2/3) terzi tal-voti sigrieti tal-membri prezenti (eskluzi membri minuri) waqt l-istess Laqgha Generali

17. Kull min ta' jew qieghed jaghti servizz muzikali specjali lis-Socjeta' jista' jigi pproponut bhala Surmast Onorarju; bil-kundizzjoni li dan ma jkollux konnessjonijiet ma' partiti politici.

18. Dan il-proponiment li irid jigi ssekondat, jiġi diskuss fil-laqgħa tal-kumitat eżekuttiv ta' qabel il-Laqgħa Ġenerali liema proponiment jiġi diskuss fil-Laqgħa Ġenerali. Sabiex persuna tiġi approvata Onorarja teħtieġ li ġġib (2/3) terzi tal-voti sigrieti tal-membri prezenti (eskluzi membri minuri) waqt l-istess Laqgha Generali

19. Il-bandisti tas-Socjeta' ser ikunu dawk il-bandisti kollha miktuba mas-Socjeta' li jaghtu s-servizz taghhom minghajr hlas. Dawn isiru membri regolari jew membri minuri awtomatikament, skond l-eta rispettiva.

20. Il-Koristi tal-Kor Xmun Pietru ser ikunu dawk il-koristi kollha miktuba mas-Socjeta' li jaghtu s-servizz taghhom minghajr hlas. Dawn isiru membri regolari jew membri minuri awtomatikament, skond l-eta rispettiva.

21. L-allievi tas-Socjeta' ser ikunu dawk il-persuni li qieghdin jitghallmu il-muzika fi hdan is-Socjeta'. Id-dmirijiet u d-drittijiet ta' l-allievi jinsabu f'Kapitlu Hamsa (5).

22. Man-notifika tal-Laqgha Generali Annwali, it-Tezorier ser jinforma, permezz ta' notifika ohra, lil dawk il-membri kollha li jkunu ghadhom ma hallsux il-menswalita' tas-sena segwenti, illi sakemm il-menswalita' ghada mhux imhallsa, mhux ser ikollhom dritt jivvutaw fil-Laqgha Generali Annwali.

23. Il-Kumitat Ezekuttiv ser ikollu dritt jissospendi, sa zmien massimu ta' sena, lil kull membru li fil-fehma tal-Kumitat Ezekuttiv, ma gabx ruhu sewwa jew li b'xi mod jew iehor kiser ir-regoli ta' l-istatut. Iz-zmien ta' tkeccija ser tkun fid-diskrezzjoni tal-Kumitat Ezekuttiv, ghalkemm ghal dan il-ghan ser jigi kkunsidrat il-gravita' tal-kaz. Wara li jkun ghadda z-zmien tas-sospensjoni, biex il-persuna terga' ssir membru trid tibghat apologija bil-miktub u fiha turi x-xewqa li terga ssir membru. Il-Kumitat ser jiehu decizjoni fid-deskrizzjoni tieghu, u jinforma lil membru sospiz b'din id-decizjoni. Din il-persuna ser ikollha dritt tappella min din id-decizjoni quddiem il-Kumitat jew fil-Laqgha Generali Annwali billi titkeb lis-Segretarju Ezekuttiv ta' l-inqas hmistax (15)-il gurnata qabel id-data tal-Laqgha.

24. Kull membru tas-Socjeta' ghandu l-obbligu li jaghrraf lil Kumitat b'kull kaz ta' dizordni, serq, tkissir jew sitwazzjonijiet simili li jikkawzaw hsara lill-propjeta u/jew l-isem tas-Socjeta'.

25. Il-Kumitat Ezekuttiv ghandu dritt li jsejjah biex jidher quddiemu lil kull membru li jkun naqas. Dan il-membru huwa obbligat li jidher, u f'kaz li ma jistax', ghandu javza lil-Kumitat bil-miktub sa qabel id-data li fiha ghandu jidher. Fl-assenza tieghu il-Kumitat jirriserva d-dritt li jipprocedi, minghajr ma l-membru jkollu dritt ghal appell.

26. Persuna li kienet membru fl-Għaqda Mużikali San Pietru u turi interess li tkum membru fis-soċjeta' trid taġġmel 12- il xahar probation qabel ma ssir membru.

## Kapitlu 4

## Laqghat Generali Annwali u Straordinarji

27. Il-Laqgha Generali Annwali ser issir sal-ahhar ta' Ottubru u ser tkun maqsuma f'zewg seduti (fuq jumejn).

28. Ser jitwahhal avviz man-*Noticeboard* tal-kazin b'informazzjoni fuq il-Laqgha Generali Annwali li tkun ser issir.

29. Ser jitwahhal avviz man-*Noticeboard* tal-kazin b'informazzjoni fuq il-Laqgha Generali Straordinarja li tkun ser issir. Barra min hekk, f'dan il-kaz il-membri ghandhom jigu infurmati b'cirkolari sa mill-anqas gimgha qabel.

**Laqgha Generali Annwali**

Seduta 1

30. Fl-ewwel seduta tal-Laqgha Generali Annwali ser jinhatar Chairperson, liema chairpeson ma jistax ikun parti mill-kumitat eżekuttiv jew nominat għall-kumitat eżekuttiv il-ġdid, biex imexxi l-Laqgha Generali li ser ikollha din l-agenda;

1. Jinqara r-Rapport Amministrattiv
2. Jinqara r-Rapport Finanzjarju
3. Approvazzjoni tas-Surmast u Assistent Surmast
4. Approvazzjoni Presidenti u Membri Onorarji
5. Approvazzjoni Awdituri
6. Approvazzjoni Direttur Spiritwali
7. Affarijiet ohra

Seduta 2

31. Fit-tieni seduta ser issir l-elezzjoni ghal hatra ta' l-ufficjali u membri tal-Kumitat Ezekuttiv.
32. Il-Kumitat Ezekuttiv ser ikun maghmul mit-tliet (3) ufficjali; President, Segretarju u Tezorier; flimkien ma tnax-il (12) membru ohra.

***Biex wiehed ikun jista' jikkontesta ghal elezzjoni bhala Membru***

33. Ser ikun ilu membru tesserat ghal sena shiha (mill-1 ta' Ottubru sat-30 ta' Settembru tas-sena ta' wara)

34. Mhux ser ikun membru f'kumitati ta' l-ebda organizazzjoni lokali ohra.

35. Ser ikollu kondotta nadifa ghal ahhar hames (5) snin.

36. Ser ikun ghalaq it-tmintax (18) – il sena sat-tletin (30) ta' Ottubru ta' dik is-sena.

***Biex wiehed ikun jista' jivvota f'kull elezzjoni li tinzamm fi hdan is-Socjeta'***

37. Ser ikun ilu sena shiha (tnax-il xahar) membru tesserat.

*Process Elettorali*

38. Meta ma jintlahaqx kworum is-seduta ser tibda nofs siegha wara l-hin stipulat. Id-decizjonijiet li sussegwentament jittiehdu ser ikunu validi, irrispettiv minn numru tal-membri prezenti.

39. Il-kworum jintlahaq meta jkun hemm nofs u wiehed (50% + 1) tal-membri tas-Socjeta'.

**Kummissjoni Elettorali**

40. Ser tinhatar Kummissjoni Elettorali fl-ewwel seduta tal-Laqgha Generali.

41. Il-Kummissjoni ser tinhatar b'maggoranza ta' 50% +1 tal-membri prezenti ghal Laqgha.

42. Din ser tkun maghmula minn tliet (3) membri tas-Socjeta'. Dawn il-membru mhux ser ikunu jaghmlu parti mil-Kumitat Ezekuttiv precedenti.

**Andament tal-Laqgha**

43. Il-Presidenti Onorarji, Membri Onorarji, Surmastrijiet Onorarji u s-Surmast Direttur, Direttur Spiritwali ghandhom id-dritt ghall-vot fil-Laqghat Generali.

44. Il-President Onorarji, Membri Onorarji, Surmastrijiet Onorarji ghandhom id-dritt jikkontestaw ghall-Kumitat Ezekuttiv minghajr ma jitilfu posthom bhala Onorarji.

45. Il-Kumitat jista' jitlob lil Presidenti Onorarji u/jew Surmast Direttur sabiex jaghmlu diskors qasir waqt il-Laqgha Generali Annwali.

46. Kull membru ser ikollu d-dritt li jressaq emendi ghall-istatut fil-Laqgha Generali Annwali billi jibghat proposti bil-miktub lis-Segretarju Ezekuttiv sad-data stipulata mill-Kumitat.

47. Il-proposti msemmija f'Artiklu 33 ser jigu inkorporati fl-istatut jekk jakkwistaw il-kunsens tal-maggoranza tal-membri prezenti.

48. Il-minuti tal-Laqghat Generali ser ikunu accessibli ghall-membri kollha, bil-kundizzjoni li jkun hemm il-presenza tas-Segretarju Ezekuttiv.

49. In-nomini ser jinqasmu f'zewg kategoriji;
    i. Kategorija fejn wiehed jinnomina persuna ghal kariga ta' President, Segreatrju Ezekuttiv jew Tezorier.
    ii. Kategorija ohra fejn wiehed jinnomina persuna ghal Kumitat Ezekuttiv

50. F'kaz li persuni nnominati ghall-kariga ta' President, Segretarju Ezekuttiv, jew Tezorier ikunu jixtiequ jikkontestaw ghall-kariga ta' membru fil-Kumitat Ezekuttiv ukoll, dawn ghandhom jibaghtu kull nomina fuq applikazzjoni separata.

51. F'kaz li jkun hemm nominazzjoni wahda biss ghall-karigi ta' President, Segretarju Ezekuttiv jew tat-Tezorier ma ssirx votazzjoni.

52. L-awdituri mahtura ser jiffirmaw certifikat li jkun jirrifletti r-rendikomt finanzjarju annwali tas-Socjeta'.

53. L-awdituri ser jirrevedu l-kotba, ricevuti u dokumenti finanzjarji kollha tas-Socjeta' u din ir-revizjoni ser titlesta' sa qabel il-Laqgha Generali. L-informazzjoni ta' din ir-revizjoni ser titnizzel fic-certifikat.

54. Ic-certifikat ser jinqara wara r-Rendikont Finanzjarju Annwali fil-Laqgha Genarali, mbaghad jitpogga mar-Rendikont Finanzjarju Annwali.

55. Ser ikun hemm zewg kopji ta' dan ic-certifikat;
   i. Kopja minnhom, flimkien mar-rendikont finanzjarju ser jinghataw lis-Segretarju Ezekuttiv biex jitpoggew mal-minuti tal-Laqgha Generali.
   ii. Kopja ohra ser tinghata lill-President.

**Laqgha Generali Straordinarja**

56. Laqgha Generali Straordinarja tigi msejha
   i. Bi qbil bejn ta' l-inqas zewg terzi (2/3) tal-membri tas-Socjeta', jew
   ii. Bi qbil bejn il-Kumitat Ezekuttiv

## Kapitlu 5

## Il-Formazzjoni tal-Kumitat, Sezzjonijiet u Kummissjonijiet fi hdan is-Socjeta'

57. Il-Kumitat Ezekuttiv ser ikun maghmul minn massimu ta' hmistax-il persuna.

58. Fl-ewwel seduta wara l-Laqgha Generali il-Kumitat ser jahtar il-karigi li gejjin; Vici President, Assistent Segretarju, Assistant Kaxxier, Direttur Generali u l-PRO. Mhux eskluz li jinhatru wkoll Assistenti ohra.

59. Il-Laqgha Generali Annwali ser tiltaqa' bejn l-ewwel (1) u l-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru u ser tinqasam f'zewg seduti;

   a. L-ewwel seduta:

Isir il-messagg tal-President

Jinhatar Chairperson biex imexxi l-Laqgha Generali bl-agenda sussegwenti:

- Approvazzjoni tar-Rapport Ammistrattiv
- Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju
- Approvazzjoni ta' zewg (2) awdituri

i. Il-membri prezenti ser jahtru l-membri tal-Kumissjoni Elettorali b'maggoranza ta' 50% + 1.
ii. Il-Laqgha Generali ser issir sa massimu ta' tliet (3) gimghat wara li johrog in-notofikat.
iii. Sa erbatax (14) il gurnata qabel id-data tal-Laqgha Generali, kull membru irid ikun ircieva avviz bil-posta rigward il-Laqgha Generali.
iv. L-ebda membru mhu ser jithalla jivvota jekk ma jipprezentax it-tessera tas-Socjeta' (jew dokument ekwivalenti) u l-Karta ta' l-Identita.
v. In-nominazzjonijiet ghall-Kumitat Ezekuttiv ser jaghlqu erbat (4) ijiem qabel il-ftuh tal-Laqgha Generali.
vi. Kull kandidat ghall-Kumitat Ezekuttiv ser jipprezenta ritratt, liema ritratt ser jitwahhal man-*notice board* tal-kazin.
vii. Kull kandidat ser ikollu access, dejjem fil-presenza ta wiehed jew iktar ufficjali tas-Socjeta', ghal-lista tal-membri tal-Socjeta'. Il-lista ser tinkludi l-isem u l-kunjom ta' kull membru, u ma tista' tohrog l-ebda informazzjoni barra mis-sede tas-Socjeta'.
viii. Kull kandidat ser ikolli l-liberta' illi jiddiskuti in-nomina tieghu mal-membri tas-Socjeta'.
ix. F'kaz li xi kandidat ma' jistax ikun prezenti waqt l-elezzjoni, dan ser jahtar persuna tal-fiducja tieghu biex jassisti minfloku.
x. Waqt l-ghadd tal-voti, fis-sala ser ikun hemm prezenti s-segwenti persuni; il-membri tal-Kummissjoni Elettorali u l-kandidati (jew l-persuna tal-fiducja fl-assenza tal-kandidat).
xi. Biex jinhatar ufficjal, irid jottjeni mill-anqas il-50% + 1 tal-voti eleggibli.
xii. F'kaz li jezistu zewg (2) kontestazzjonijiet ghall-istess kariga, u l-ebda kandidat ma jgib il-50% + 1, ser issir elezzjoni ohra fl-istess gurnata.

**xiii.** L-ewwel tnax (12)-il membri tal-Kumitat Ezekuttiv ser jigu eletti biss jekk jakkwistaw il-maggoranza tal-voti (50% + 1)

60. L-ebda membru tal-Kumitat Ezekuttiv mhu ser ikollu kumpens finanzjarju jew ta' natura ohra mis-Socjeta'.

61. Kull seduta tal-Kumitat Ezekuttiv ser tipprocedi biss jekk ikun hemm kworum prezenti (aktar minn nofs il-membri tal-Kumitat).

62. L-ebda seduta ma tista' tipprocedi minghajr il-presenza tat-tliet ufficjali jew l-assistenti taghhom.

63. Il-President tas-Socjeta' ser ikollu d-dritt ghal vot f'cirkustanza wahda biss – meta jkun hemm voti maqsumin.

64. Kull Membru tal-Kumitat ser ikollu d-dritt ghall-votazzjoni sigrieta.

65. Il-Kumitat ser jiltaqa' mill-anqas darba fix-xahar.

66. Kull Membru tal-Kumitat Ezekuttiv ma jistax ikun assenti ghal-tlett laqghat konsekuttivi minghajr ma jaghti raguni valida. F'kaz li dir-raguni ma tinghatax, jew il-Kumitat ihoss li r-raguni mhijiex wahda valida, il-Membru ser jitlef postu fil-Kumitat, u jidhol f'postu ir-*runner up* ghall-kariga. F'kaz li ma jkunx hemm *runner up* jew dan jirrifjuta milli jidhlu Membru, membru regolari ser jigi *co-opted* mill-Kumitat.

67. Kull Membru tal-Kumitat huwa obbligat bis-segretezza rigward dak kollu li jinghad waqt is-seduti. F'kaz kuntrarju ser jittiehdu passi dixxiplinarji.

68. F'kaz ta' emergenza, l-Ufficjali tal-Kumitat ser ikollhom id-dritt li bejniethom jerfghu ir-responsabilta', f'isem il-Kumitat, bil-kundizzjoni li jirrapurtaw kollox il bqija tal-Kumitat ma l-ewwel seduta li jkun imiss.

69. F'kaz li tal-Membru Kumitat juri xewqa li jikkontesta ghal xi elezzjoni taht partit politiku, dan ser jirrizenja mill-Kumitat mill-anqas sitt xhur qabel l-elezzjoni partikolari.

70. L-Ufficjali ser jirraprezentaw is-Socjeta' f'kuntratti u transazzjonijiet legali ohra.

**PRESIDENT**

71. Il-President ser imexxi s-Socjeta', bl-ghajnuna tal-Kumitat.

***Dmirijiet***

72. Il-President ser ikollu l-obbligu li;
    i. jippresedi s-seduti kollha tal-Kumitat,
    ii. jippresedi il-Laqghat Generali Straordinarji,
    iii. jiffirma il-minuti,
    iv. flimkien mal-Ufficjali, jirraprezenta lis-Socjeta' quddiem il-ligi,
    v. jirraprezenta lis-Socjeta' f'kull okkazjoni ohra li tigi fdata lilu (mill-Kumitat Eżekuttiv)

73. F'kaz fejn il-President ma jkunx jista' jattendi okkazjonijiet f'isem is-Socjeta' (barra sitwazzjonijiet legali) minfloku ser jattendi il-Vici President, jew xi Ufficjal iehor. F'kaz li anqas dawn ma jkunu jistghu jattendu, il-Kumitat ser jiddeciedi min ser jirrapprezenta s-Socjeta'.

***Drittijiet***

74. Il-President ser jigi infurmat b'kull korrispondenza li tkun ta' importanza ghas-Socjeta'.

75. Il-President, wara konsultazzjoni mal-Kumitat, ghandu d-dritt li jsejjah Laqgha Generali Straordinarja meta jrid.

76. Il-President ser ikollu kopja tal-lista tal-membri kollha tas-Socjeta'. Din il-lista ser tinkludi l-isem, indirizz, u numru tat-telefon/mobajl.

77. Il-President ser ikollu kopja ta' l-Inventarju.

## VICI PRESIDENT

78. Il- Vici President ser jassisti l-President.

79. Il-Vici President ser jiehu post il-President, bid-dmirjiet u d-drittijiet kollha, meta dn ikun indispost.

## SEGRETARJU GENERALI

80. Is-Segretarju Generali ser ikun responsabbli tal-*website* tas-Socjeta', kif ukoll ta' kull materjal promozzjonali ppublikat f'isem is-Socjeta'

***Dmirijiet***

81. Is-Segretarju Generali ser ikollu l-obbligu li;
    i. izomm il-minuti tal-laqghat tal-Kumitat,
    ii. izomm il-minuti tal-Laqghat Generali,
    iii. izomm lil Kumitat infurmat b'kull korrispondenza li tibghat u tircievi s-Socjeta' u
    iv. flimkien mal-Ufficjali l-ohra, jirraprezenta lis-Socjeta' quddiem il-ligi
    v. fost rapporti ohra, jaghti Rapport Amministrattiv fil-Laqgha Generali Annwali, liema rapport ser jinkludi in-numru ta' seduti tal-Kumitat flimkien mal-attendenza tal-Membri tal-Kumitat

82. Is-Segretarju Generali ser javza lill-Membri tal-Kumitat bil-laqghat tal-Kumitat sa mhux anqas minn tmienja u erbghin (48) siegha qabel il-laqgha. Dan ma japplikax f'kazijiet ta' urgenza.

83. F'kaz li s-Segretarju Generali ma jistax jattendi ghal xi laqgha, huwa ser jigbhat kull dokumenti relevanti ghas-suggett tal-laqgha (inkluz minuti u korrispendonza) lil Kumitat mill-aktar fiss possibli.

***Drittijiet***

84. Is-Segretarju Generali ser ikollu kopja tal-lista tal-membri kollha tas-Socjeta'. Din il-lista ser tinkludi l-isem, indirizz, u numru tat-telefon/mobajl.

85. Is-Segretarju Generali ser ikollu kopja ta' l-Inventarju.

**ASSISTENT SEGRETARJU**

86. l-Assistent Segretarju ser jassisti lis-Segretarju Generali.

87. L-Assistent Segretarju ser jiehu post is-Segretarju Generali, bid-dmirjiet u d-drittijiet kollha, meta dan ikun indispost.

**TEZORIER**

88. It-Tezorier ser ikun responsabbli mill-flus tas-Socjeta', liema flus ser jintuzaw biex jintlahhqu l-ghanijiet tas-Socjeta', u l-infiq taghhom huwa fid-diskrezzjoni tal-Kumitat Ezekuttiv.

89. Il-fondi kollha tas-Socjeta' (barra *petty cash* iktar l-isfel imsemmi) ser jigu ddepozitati f'kont jew kontijiet f'bank jew banek, f'isem is-Socjeta'.

90. It-Tezorier ma jistax jigbed flus jekk ma jkunx akkumpanjat mill-President jew is-Segretarju Generali.

***Dmirijiet***

91. It-Tezorier ser ikollu l-obbligu li;
    i. jzomm rendikont tad-dhul u hrug finanzjarju flimkien mad-dati li jsiru fih. Dan ser jigi pprezentat lil Kumitat kull tliet (3) xhur, Kopja ta' dan ser tinzamm mal-minuti
    ii. jaghti redinkont annwali ddetaljat li jkun approvat mill-Awdituri (Kap 4). Dan ser jigi pprezentat fil-Laqgha Generali Annwali. Kopja ta' dan ser tinzamm mal-minuti.
    iii. Jigbor il-menswalita' tal-Membri
    iv. Izomm registru tad-dhul u l-hlas tal-Membri
    v. F'kaz li hemm bzonn isir infiq li jissupera is-somma ta' 500 euros, it-Tezorier ser jitlob il-permess tal-Kumitat fis-seduta li jmiss
    vi. Is-somma ta' *petty cash* tas-Socjeta' ma taqbzix dik ta' 500 euros. L-bilanc ser jigi ddepozitat f'xi Bank f'isem is-Socjeta'.

***Drittijiet***

92. It-Tezorier ser ikollu kopja tal-lista tal-membri kollha tas-Socjeta'. Din il-lista ser tinkludi l-isem, indirizz, u numru tat-telefon/mobajl.

93. It-Tezorier ser ikollu kopja ta' l-Inventarju.

## ASSISTENT TEZORIER

94. l-Assistent Tezorier ser jassisti lit-Tezorier.

95. L-Assistent Tezorier ser jiehu post it-Tezorier, bid-dmirjiet u d-drittijiet kollha, meta dan ikun indispost.

## DIRETTUR GENERALI

96. Id-Direttur Generali ser ikollu r-responsabilta' generali tal-Kazin, li tinkludi l-igene, l-apparanza, u l-hinijiet tal-ftuh, li ser ikunu stabilliti mil-Kumitat.

***Dmirijiet***

97. Id-Direttur Generali ser ikollu l-obbligu li
    i. jkun fil-pussess tac-cwievet kollha tal-kazin, b'lista ta' min ghandu liema cwievet.
    ii. Jkollu kopja tal-Inventarju li ser tinkludi dak kollu li hu l-propjeta tal-kazin
    iii. Jara li il-bandiera appropjata tkun qed ittir fil-granet li jaqbel fuqhom il-Kumitat.

98. Il-permess tad-Direttur Generali, jew ta' wiehed mill-Ufficjali, huwa rikjest f'kaz li xi propjeta tal-Kazin ser tohrog mill-Kazin.

## ASSISTENT DIRETTUR GENERALI

99. L-Assistent Direttur Generali ser jassisti lid-Direttur Generali

100. L-Assistent Direttur Generali ser jiehu post id-Direttur Generali, bid-dmirjiet u d-drittijiet kollha, meta dan ikun indispost

## SOTTO KUMITATI

101. Il-Kumitat Ezekuttiv ser iwaqqaf kummissjonijiet, sezzjonijiet, jew ghaqdiet fi hdan is-Socjeta' bl-intenzjoni li jkomplu jintlahhqu l-ghanijiet tas-Socjeta'.

102. Il-Kumitat Ezekuttiv ghandu dritt izid jew inaqqas l-ammont ta' kummissjonijiet, sezzjonijiet jew ghaqdiet mwaqqfa dejjem skond l-esigenza tas-Socjeta'.

103. Kull uffiċjal ta' kull kummissjoni jipproponihom il-kumitat eżekuttiv u jekk il-membri tal-kummissjoni jaqblu jiġu maħtura. Id-deċiżjoni finali tibqa' dejjem tal-kumitat eżekuttiv.

104. Il-Kumitat Ezekuttiv ser ikollu il-kontroll assolut tat-tmexxija tas-Socjeta', li tinkludi fiha dawn is-sotto kumitati.

105. Kull kummissjoni, sezzjoni jew ghaqda ser ikollha l-obbligi li;

i. tiltaqa' ta' l-anqas darba fix-xahar
ii. ikollha President/*Chairperson*, Segretarju u Tezorier. Dawn ser jirapprezentaw is-sotto kumitat quddiem il-Kumitat Ezekuttiv jew delegazzjonijiet ohra,
iii. izzomm il-minuti tal-laqghat, li ser jigu esebiti fis-seduta tal-Kumitat kull l-ahhar tax-xahar,
iv. taghti rendikont finanzjarju kull xahar, u kopja tieghu tigi annessa minuti,
v. tikseb il-kunsens tal-Kumitat Ezekuttiv qabel taghmel xi nfiq
vi. tpoggi kull bilanc finanzjarju f'kont f'isem is-Socjeta', u ghal kull transazzjoni ghandhom jiffirmaw ta' l-inqas tnejn (2) minn tliet (3) ufficjali,
vii. qabel torganizza attivita', tinforma fir-rigward lil Kumitat Ezekuttiv.

106. Prezentament hemm;

**i. Sezzjoni Zghazagh Iljuni**

Liema sezzjoni ser tiehu hsieb ir-rikreazzjoni tal-membri zghazagh tas-Socjeta'. Il-Membri tas-Sezzjoni ser ikunu ghalqu s-sittax (16)-il sena sa l-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena rispettiva u ma jkunux qabzu it-tletin (30) sena.

Is-Sezzjoni Zghazagh tkun irraprezentata mill-arma taghha u biex din tigi mibdula jew issir xi emenda fuqha ghanda tissejjah laqgha generali biex din id-decizjoni tittiehed mill-membri

**ii. Sezzjoni Nisa Petrini**

Liema sezzjoni ser tiehu hsieb ir-rikreazzjoni tal-membri nisa tas-Socjeta'. Il-Membri tas-Sezzjoni ser ikunu ghalqu s-sittax (16)-il sena sa l-ewwel (1) ta' Ottubru tas-ena rispettiva.

**iii. Ghaqda tan-Nar 22 ta' Frar**

Liema ghaqda ser tiehu hsieb il-piroteknika tas-Socjeta'. Il-Membri tal-Ghaqda ser ikunu ghalqu t-tmintax (18)-il sena sa l-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena rispettiva.

**iv. Kummissjoni Banda**

Liema kummissjoni ser tiehu hsieb it-taghlim tal-muzika' fi hdan is-Socjeta' u tiehu hsieb ukoll li zzom lista ta' l-allievi. Mhu ser ikun hemm l-ebda eta stipulata.

**ARKIVISTA**

a. Fi hdan din il-kummissjoni ser ikun hemm arkivista li jiehu hsieb il-librerija (li tinkludi publikazzjonijiet, materjal promozzjonali u l-arkivju tal-muzika) tas-Socjeta'.

b. Dan ser jassisti lis-Surmast Direttur u l-Assistent Surmast f'kull kuncert jew programm muzikali tas-Socjeta'.

**v. Bord Editorjali**

Liema bord ser jiehu hsieb kull pubblikazzjoni li tohrog is-Socjeta', flimkien mal-librerija tas-Socjeta'. Mhux ser ikun hemm l-ebda eta stipulata.

Il-kumitat eżekuttiv għandu jaħtar persuna fil-kariga ta' librar u li jkun jagħmel parti mill-Bord Editorjali.

**vi. Kummissjoni Armar Esterni**

Liema kummissjoni ser tiehu hsieb l-armar estern li s-Socjeta' tuza f'okkazjonijiet differenti. Il-Membri ta' din il-kummissjoni ser ikunu ghalqu t-tmintax (18)-il sena.

## Kapitlu 6

## Il-Banda u t-Taghlim tal-Muzika

107. Is-Socjeta' ser tiehu hsieb li taghllem il-muzika lill-allievi u bandisti.

108. Il-Kumitat Ezekuttiv ghandu d-diskrezzjoni finali fejn jidhol il-partecipazzjoni kif ukoll il-hlas tas-servizzi li taghti l-Banda.

109. Il-Banda mhux ser taccetta stedini m'ghand partiti politici.

110. Il-Banda ser tilqa' stedini statali biex tippartecipa f'festi nazzjonali biss meta l-Kumitat Ezekuttiv ihoss li dan ikun viabbli.

## Surmast Direttur

111. Is-Surmast Direttur ser jiehu hsieb it-taghlim tal-muzika fi hdan is-Socjeta'. Hu flimkien mad-Delegati tal-banda ser ikunu responsabbli mill-banda.

112. Is-Surmast Direttur ser jigi maghzul mill-Kumitat.

***Dmirijiet***

113. Is-Surmast Direttur ser ikollu l-obbligi li;

i. jaghmel in-numru ta' kuncerti li fl-opinjoni tieghu huma viabbli (ghal ahjar u l-efficjenza tal-banda),

ii. fejn ihoss il-bzonn, jinkoragixxi l-bandisti biex ikomplu kors ta' perfezzjonament u

iii. meta msejjah, jattendi s-seduti tal-Kumitat.

114. Il-muzika li tkun ser tindaqq waqt xi servizz, kuncert jew programm muzikali ser tigi approvata mill-Kumitat u l-Kummissjoni Banda, bi ftehim mas-Surmast Direttur.

## Assistent Surmast

115. L-Assistent Surmast ser ikun nominat mill-Kumitat, wara konsultazzjoni mas-Surmast Direttur.

116. L-Assistent Surmast ser jassisti lis-Surmast Direttur u jimxi fuq id-direzzjoni tieghu.

**117.** L-Assistent Surmast ser jiehu post is-Surmast Direttur, bid-dmirjiet u d-drittijiet kollha, meta dan ikun assenti.

## Bandisti

118. Kull bandist ser jigi approvat mis-Surmast Direttur, u jrid ikollu gharfien tal-muzika jew ikun lest li jitghallimha.

119. Kull bandist ser jirrispetta d-decizjonijiet tas-Surmast Direttur u l-Kumitat Ezekuttiv.

120. Kull bandist ser ikun obbligat li jaghti l-ewwel preferenza lis-Socjeta'.

121. Kull bandist ser ikollu d-dmir li jattendi ghall-kuncerti u programmi kollha li jiffissa s-Surmast Direttur. F'kaz li l-attendenza ma tkunx possibli, il-bandist irid jaghti raguni valida lill-Kummissjoni Banda.

122. Kull bandist ser ikun responsabbli ghall-istrumenti u/jew oggetti li s-Socjeta' ser tisilfu, liema strumenti u/jew oggetti ma jistghux jinghataw lil partijiet terzi. Kull bandist irid iwiegeb ghall kull hsara li ssir fihom.

123. Talli bandist idoqq mas-Socjeta', ser jinghatawlu privileggi b'xejn, li huma;

- i. li awtomatikament u bla hlas jkun membru regolari jew minuri skond il-kaz, tas-Socjeta',
- ii. il-possibilta' li jaghmel uzu mill-istrumenti tas-Socjeta' ghall-servizzi barranin li jista' jkollu ma' baned ohra, dejjem suggett ghal kondizzjoni li l-Banda tas-Socjeta' ma jkollha ebda servizz muzikali,
- iii. fi f'kaz ta' mewt, is-Socjeta' takkumpanja l-funeral bl-istandard tas-Socjeta'; tittella bandiera mezzasta u titwahhal bicca sewda mal-bieb tal-Kazin. Ser jibqa fid-diskrezzjoni tal-Kumitat Ezekuttiv jekk il-Banda takkumpanjax il-funeral.

124. Il-Kumitat Ezekuttiv ser ikollu d-dritt li jirtira kull propjeta tas-Socjeta' mizmuma ghand bandist jew familjari tieghu meta jkun hemm bzonn.

**ALLIEVI**

125. Biex wiehed isir alliev irid jaghmel talba lill-Kummisjoni Banda u dan jikkonsulta mal-Kumitat Ezekuttiv u s-Surmast Direttur.

126. L-alliev ser jidhol fi ftehim bil-miktub mas-Socjeta', u ser jirrispetta il-kundizzjonijiet li jkun iffirma ghalihom

127. Kull alliev ser jaghti kontribuzzjoni ta' tliet (3) euros fix-xahar. Dan il-hlas ser jippersisti sakemm l-alliev jigi nnominat bandist mis-Surmast Direttur.

128. Hija fid-diskrezzjoni tas-Surmast Direttur illi jinnomina alliev bhala bandist.

129. La darba l-alliev isir bandist, huwa ser jinghata certifikat iffirmat mill-President, u mis-Surmast Direttur.

130. L-alliev ser ikun responsabbli ta' kull propjeta tas-Socjeta' mislufa lilu.

## Kapitlu 7
## Propjeta tas-Socjeta'

131. Ser ikun hemm Inventarju li fih jinkludi l-istrumenti u ghand min huma mislufa, kif ukoll kull propjeta mobbli u immobbli tas-Socjeta'.

132. Id-Direttur Generali ser ikun responsabbli ta' l-Inventarju. L-Ufficjali tas-Socjeta' ser ikollhom kopja tieghu.

133. L-inventarju ser jigi aggiornat kull sena.

134. Kull membru tal-Kumitat ser ikollu d-dritt li jitlob li jigi vverifikat, u l-Kumitat irid jaccjedi ghal din it-talba.

135. F'kaz li s-Socjeta' tkun ser tieqaf, l-ahhar Kumitat ser isejjah Laqgha Generali Straordinarja u l-propjeta mobili u immobili għandha tghaddi lid-Dar tal-Providenza.

**Kapitlu 8**

**Vistu**

136. F'kaz ta' mewt ta' membru tal-kumitat eżekuttiv jew bandist reġistrat mas-soċjeta' il-Banda Birżebbuġa hi obbligata li takkumpanja l-funeral. F'każ ta' mewt ta' membri jew persuni oħra tibqa' dejjem fid-diskrezzjoni tal-kumitat eżekuttiv jekk il0Banda Birżebbuġa takkumpanjax jew le.

**137.** F'kaz ta' mewt ta' persuni prominenti kemm lokali kif ukoll fuq bazi nazzjonali, ser tittella' bandiera mezzasta mal-arblu tal-kazin, u jitwahhal coff iswed mal-bieba maghluqa tal-kazin.

**Kapitlu 9**

**Regolamenti Ohra**

138. Kull Membru ser ikun responsabbli ghall kull hsara li jaghmel lill-propjeta u lill-isem tas-Socjeta'.

139. Jekk il-kumitat eżekuttiv ikun ser jagħmel spiża kapitali fuq proġett wieħed ta' aktar minn €15,000 trid tissejaħ laqgħa ġenerali straordinarja u tiġi approvata mill-membri preżenti.

140. B'rispett lejn kulhadd, is-Socjeta' mhux ser taccetta kull haga relatata mal-politika, li tinkludi argument, idea, programm.

141. Kull Membru huwa fid-dmir li jara li Sezzjoni 126 u 127 jigu rrispettati.

142. Fil-kazin ser ikn hemm lista tal-Membri tal-Kumitat bil-karigi rispettivi, lista ta' kull Kummisjoni, Sezzjoni jew Ghaqda flimkien ma lista tal-membri kollha tas-Socjeta'.

143. Kull ilment ser jigi mressaq bil-miktub lis-Segretarju Generali, li ser jaghmel mezz biex dan l-ilment jigi diskuss mal-Kumitat mill-aktar fiss possibli.

144. F'sitwazzjonijiet li dawn ir-regoli ma jkoprux, il-Kumitat ser jiddeciedi fuq kull sitwazzjoni skond il-maggoranza tal-voti tal-kumitat eżekuttiv.

145. Membru li jaghmel tliet (3) snin konsekuttivi minghajr ma jhallas il-menswalita' ser awtomatikament, minghajr avviz jispicca minn membru u jrid jerga' japplika mill-bidu sabiex jerga' jissieheb.

146. Il-fustun ta' l-arblu l-maggur ser jitla' bil-bozo ta' lewn bojod bit-tubu ahdar fuq.

147. Minn fuq il-bejt tal-kazin ser jinharaq biss nar li hu permess bil-ligi, skond l-okkazzjoni.

148. Sakemm l-istandardi tal-ferghat tas-Socjeta ghadhom limitati, l-istandard tas-sezzjoni zghazagh jibqa johrog fil-marc li jsir bl-istatwa tas-socjeta.

149. Biex jizdied, jitnaqqas jew jinbidel l-istatut trid tigi msejha Laqgha Generali, jew tintalab emenda bil-miktub waqt Laqgha Generali. Kull proposta ser tghaddi biss jekk ikun hemm izdjed minn sewg terzi tal-qbtil tal-vutanti (maggoranza assoluta).

150. Kull membru ser ikollu dritt ghall-kopja wahda, bla hlas, ta' dan l-istatut.

151. Hadd ma jista' jaghmel kopji ta' dan l-istatut minghajr il-permes tal-Kumitat.